



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

IR-RAPPREŻENTANT GĦOLI TAL-
UNJONI EWROPEA GĦALL-
AFFARIJJIET BARRANIN U L-
POLITIKA TA' SIGURTÀ

Brussell, 14.4.2014
JOIN(2014) 16 final

2014/0127 (NLE)

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

- (1) Fit-2 ta' Marzu 2011 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja biex jitwettqu l-miżuri previsti fid-Deċiżjoni 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011.
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2014, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2146 (2014) li tipprojbixxi bastimenti magħżula mill-Kumitat stabbilit skont ir-riżoluzzjoni 1970 (2011) ('bastimenti magħżula') taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru milli jgħabbu, jittrasportaw jew jirrilaxxaw żejt mhux raffinat fin-nuqqas ta' struzzjonijiet mill-Gvern tal-Libja.
- (3) Ir-riżoluzzjoni 2146 (2014) sejthet lill-Istati Membri biex jipprevjenu l-bastimenti magħżula milli jidħlu fil-portijiet u pprojbixxiet il-forniment ta' servizzi ta' trażbord, forniment ta' bastimenti u servizzi oħra għal bastimenti magħżula, sakemm il-forniment ta' tali servizzi ma jkunx neċessarju għal għanijiet umanitarji jew meta l-bastiment ikun qiegħed jirritorna lejn il-Libja.
- (4) Ir-riżoluzzjoni 2146 (2014) tal-Kunsill tas-Sigurtà ddeċidiet barra minn hekk li l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu miżuri biex jipprojbixxu tranżazzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' żejt mhux raffinat mil-Libja abbord bastimenti magħżula.
- (5) Fl-X ta' April 2014, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/XX/PESK emendat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar il-miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja¹ biex jiġu implimentati dawn il-miżur.
- (6) Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea jipproponu li jemendaw ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 kif meħtieġ.

¹ ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1.

Proposta Konġunta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (UE) Nru 204/2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK tat-28 ta' Frar 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja²,

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 204/2011 tat-2 ta' Marzu 2011 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja³ jimplimenta jil-miżuri stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/137/PESK.
- (2) Fid-29 ta' Marzu 2014, il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (KSNU) adotta r-Riżoluzzjoni 2146 (2014) li tipprojbixxi t-tagħbija, it-trasport jew ir-rilaxx ta' żejt mhux raffinat mil-Libja fuq bastimenti magħżula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet ('bastimenti magħżula') taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru fin-nuqqas ta' struzzjonijiet mill-Gvern tal-Libja.
- (3) Ir-riżoluzzjoni 2146 (2014) tal-KSNU kienet tirrikjedi miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu l-bastimenti magħżula milli jidħlu fil-portijiet u l-forniment ta' servizzi ta' trazzbord jew il-forniment ta' bastimenti, jew servizzi oħra għal bastimenti magħżula.
- (4) Barra minn hekk ir-riżoluzzjoni 2146 (2014) tal-KSNU tipprojbixxi tranżazzjonijiet fir-rigward ta' żejt mhux raffinat mil-Libja abbord bastimenti magħżula.
- (5) Għal raġunijiet ta' espedjenza, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex temenda l-lista ta' bastimenti magħżula li għalihom japplikaw dawn il-miżuri fuq il-bażi ta' notifikazzjoni jew informazzjoni mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU jew il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, kif xieraq.
- (6) Fl-X ta' April 2014, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/137/PESK ġiet emendata mid-Deċiżjoni 2014/X/PESK biex jiġi implimentati dawn il-miżuri.
- (7) Ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan,

² ĠU L 58, 3.3.2011, p. 1.

³ ĠU L 58, 3.03.2011, p. 1.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (UE) Nru 204/2011 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 1, il-punti (h) u (i) li ġejjin għandhom jiżdedu:
- (h) 'bastimenti magħżula' tfisser bastimenti magħżula mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet kif imsemmi fil-paragrafu 11 tar-Riżoluzzjoni 2146 (2014) tal-KSNU, kif elenkat fl-Anness V ta' dan ir-Regolament;
 - (i) 'il-punt fokali tal-Gvern tal-Libja' tfisser il-punt fokali maħtur mill-Gvern tal-Libja kif notifikat lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet skont il-paragrafu 3 tar-Riżoluzzjoni 2146 (2014) tal-KSNU.
- (2) Għandu jiddaħħal l-Artikolu 10b li ġej:

“Artikolu 10b

1. Huwa pprojbit li jiġi mgħobbi, ittrasportat jew irrilaxxat żejt mhux raffinat mil-Libja fuq bastimenti magħżula taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru sakemm mhux awtorizzat mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru wara konsultazzjoni mal-punt fokali tal-Gvern tal-Libja.
 2. Huwa pprojbit li jiġi aċċettat jew li jingħata aċċess għall-portijiet fit-territorju tal-Unjoni lil bastimenti magħżula.
 3. Il-miżura imposta minn paragrafu 2 ma tapplikax meta d-dħul għal xi port fit-territorju tal-Unjoni huwa meħtieġ għal xi spezzjoni, f'każ ta' emerġenza jew meta l-bastiment ikun qed jirritorna lejn il-Libja.
 4. Il-forniment miċ-ċittadini tal-Istati Membri jew minn territorji tal-Istati Membri għall-forniment ta' servizzi ta' trazzbord jew is-servizz tal-forniment ta' bastimenti, jew kwalunkwe servizz ieħor tal-bastimenti għal bastimenti magħżula, inkluż il-forniment ta' karburant jew ta' fornimenti oħra, huwa pprojbit.
 5. L-awtorità kompetenti tal-Istati Membri kif notifikata fl-Anness IV tista' tagħti fejn ikun neċessarju eżenzjonijiet għall-miżura imposta minn paragrafu 4 għal għanijiet umanitarji jew ta' sikurezza, jew meta l-bastimenti jkunu qed jirritornaw lejn il-Libja. Kwalunkwe awtorizzazzjoni bħal din trid tiġi notifikata lill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u lill-Kummissjoni bil-miktub.
 6. It-tranżazzjonijiet finanzjarji fir-rigward ta' żejt mhux raffinat abbord bastimenti magħżula, inkluż il-bejgħ taż-żejt mhux raffinat, il-ħruġ ta' assigurazzjonijiet fir-rigward tat-trasport taż-żejt mhux raffinat, l-użu taż-żejt mhux raffinat bħala kreditu jew l-aċċettazzjoni tat-taxxi tal-port mill-kumpanija tat-trasport marittimu responsabbli mit-trasport tiegħu huma pprojbiti.'
- (3) L-Artikolu 15 jinbidel b'dan li ġej:

"Artikolu 15

Il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li:

- (a) temenda l-Anness IV abbażi ta' informazzjoni mogħtija mill-Istati Membri
- (b) temenda l-Anness V abbażi tad-determinazzjonijiet kemm mill-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.'

Artikolu 23

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*